# ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

## Regolamenti dwar il-Professjoni tal-Kirurgi Veterinarji (Reġistrazzjoni u Liċenzji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 44 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

***Kunsiderazzjoni, kamp ta' applikazzjoni, u bidu.***

KAP. 437

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti dwar il-Professjoni tal-Kirurgi Veterinarji (Reġistrazzjoni u Liċenzji).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-persuni kollha li japplikaw għal liċenzja jew awtorizzazzjoni biex jaħdmu fil-professjoni tal-kirurgi veterinarji fit-territorju ta' Malta f'konformità mal-Artikolu 43 (2) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, inklużi dawk il-kirurgi veterinarji li kienu diġà rreġistrati u kellhom liċenzja qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti. Dan japplika wkoll għall-kirurgi veterinarji li jagħmlu dikjarazzjoni legalment valida lill-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji ta' Malta biex joffru servizzi veterinarji temporanji u okkażjonali f'Malta.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data meta jiġu ppubblikati għall-ewwel darba fil-Gazzetta tal-Gvern.

***Interpretazzjoni.***

KAP. 437

L.S. 437.43.

**2.** (1) Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, u dawk li jinsabu fir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u sakemm ma jkunx jirrikjedi mod ieħor il-kuntest,

għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

"Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

"CPD" tfisser attivitajiet ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu (Continuous Professional Development) kif ippubblikati mill-Kunsill;

"grad" tinkludi kwalunkwe grad, diploma, ċertifikat, attestazzjoni ta' kompetenza, jew evidenza simili oħra ta' kwalifiki formali jew ta'edukazzjoni u taħriġ mogħtija minn awtorità kompetenti fi Stat Membru maħtur skont il-liġi ta' dak l-Istat;

"PDP" tfisser "Fażi ta' Żvilupp Professjonali"(*Professional Development Phase*) li tfisser attivitajiet għal persuni li jipprattikaw klinikament kif aċċettat u ppubblikat mill-Kunsill;

"Persuna" għandha tinkludi biss persuni fiżiċi.

"Titolu protett" għandha tinkludi t-titoli kollha elenkati fir-regolament 19 ta' dawn ir-regolamenti;

"Assigurazzjoni għar-responsabbiltà Professjonali" tfisser kopertura tal-assigurazzjoni jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva meħuda minn Kirurgu Veterinarju fir-rigward ta' responsabbiltajiet potenzjali għar-riċevituri u, fejn applikabbli, partijiet terzi li jirriżultaw mill-għoti ta' servizz veterinarju;

"Attivitajiet riżervati" għandha tfisser dawk l-attivitajiet kif definiti fl-iSkeda II ta' dawn ir-regolamenti;

"Reġistru tal-Kirurgi Veterinarji" jew "ir-Reġistru" tfisser ir-reġistru miżmum mill-Kunsill kif stabbilit mill-Artikolu 43 tal-Att;

**3**. (1) Il-Kunsill għandu jipprovdi liċenzja jew awtorizzazzjoni biex wieħed jeżerċita bħala kirurgu veterinarju f'Malta lil kwalunkwe persuna fejn ikun sodisfatt dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 42(2) tal-Att u:

KAP. 451
S.L. 437.43

(a) ikunu ggradwati fil-mediċina u l-kirurġija veterinarja, bi grad jew kwalifika formali rikonoxxuta mill-Kunsill bħala li matul ħames snin ikunu koprew il-programm minimu ta' studji kif jinsab fir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji jew ekwivalenti, u f'termini tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-kwalifiki u l-leġiżlazzjoni magħmula taħtu, bħala komparabbli mal-grad jew il-kwalifika formali fis-suġġett, f'Malta, jew fi Stat Membru, jew Stat bi ftehim bilaterali ma' Malta.

Dment li l-kwalifiki mogħtija fi kwalunkwe stat jew pajjiż fejn jiġi stabbilit eżami tal-istat, il-kwalifika teħtieġ li tkun akkumpanjata minn ċertifikat li jiċċertifika li dawn ikunu għaddew minn eżami tal-istat bħal dan.

(b) Huma ta' kondotta tajba, kif ikkonfermat minn ċertifikat validu ta' kondotta mill- awtorità nazzjonali kompetenti.

(c) ikunu fi stat tajjeb ta' saħħa fiżika u mentali;

(d) ikollhom għarfien tal-lingwi meħtieġa biex jipprattikaw bħala kirurgi veterinarji f'Malta;

(e) huma ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru jew inkella huma legalment intitolati li jaħdmu f'Malta.

**4.** L-applikazzjonijiet għandhom jiġu aċċettati biss fil-format u bl-użu tal-formola ppubblikata mill-Kunsill u għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumenti ta' sostenn kif elenkati fl-aħħar parti ta' tali formola ta' l-applikazzjoni.

**Applikazzjonijiet għal-Liċenzja.**
KAP. 500

**5.** Il-Kunsill għandu jirrikonoxxi li rċieva applikazzjoni mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard minn xahar minn meta jirċievi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha ppreżentata sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti elenkati fl-aħħar artikolu preċedenti. Ir-rikonoxximent għandu jinkludi ż-żmien sa meta l-Kunsill huwa mistenni li jasal għal deċiżjoni f'termini tar-regolament 6 u l-mezzi ta' rimedju disponibbli mid-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Fil-każ ta' dokumentazzjoni mhux kompluta, il-Kunsill għandu jinforma lill-applikanti b'dan.

Fil-każ ukoll li l-applikanti ikunu diġà stabbiliti fi Stat Membru ieħor u, jew ikunu kisbu il-kwalifiki tagħhom fi Stat Membru ieħor u, jew ikunu ċittadini ta' Stat Membru ieħor, il-Kunsill jista' jitlob verifika tad-dokumenti ppreżentati mill-applikanti mal-awtorità kompetenti rilevanti ta' dak l-Istat Membru skont l-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern.

**6.** Il-Kunsill għandu jqis id-dokumentazzjoni kollha ppreżentata mill-applikanti mill-aktar fis possibbli u jilħaq deċiżjoni debitament sostanzjata fi żmien 3 xhur. Dan il-perjodu għandu jibda jiddekorri mid-data tal-wasla tad-dokumentazzjoni rilevanti kollha.

**7.** (1) Meta l-Kunsill fid-deċiżjoni tiegħu msemmija fir-regolament preċedenti jsib li hemm differenza sostanzjali bejn il-kwalifiki professjonali tal-applikanti u t-taħriġ meħtieġ f'Malta, sal-punt li d-differenza tkun tali li tkun ta' ħsara għas-saħħa jew għas-sigurtà pubblika, u li ma tkunx tista' tiġi kkumpensata mill-esperjenza professjonali jew mill-għarfien, mill-ħiliet u mill-kompetenzi miksuba mill-applikanit permezz tal-apprendiment tul il-ħajja formalment ivvalidat għal dak il-għan minn korp rilevanti, il-Kunsill għandu jagħti lil dawk l-applikanti l-opportunità li juru, permezz ta' test tal-kapaċità jew perijodu ta' adattament sa massimu ta' tliet snin, li l-applikanti kisbu l-għarfien, il-ħiliet jew il-kompetenzi indikati fid-deċiżjoni bħala neqsin.

(2) It-testijiet tal-kapaċità kollha għandhom jiġu pprovduti direttament mill-Kunsill jew sottokuntrattati lil kwalunkwe awtorità, organizzazzjoni jew istitut ieħor kif magħżul mill-Kunsill.

(3) L-ispejjeż kollha għat-teħid tat-testijiet tal-kapaċità u l-kwalifiċi meħtieġa għandhom jitħallsu mill-applikanti.

**8.** Il-Kunsill għandu jiżgura li kwalunkwe kontroll imwettaq biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti skont ir-regolament 3(d) għandu jkun limitat għall-għarfien ta' lingwa uffiċjali waħda ta' Malta kif magħżula mill-applikanti.

**9.** (1) Il-kontrolli mwettqa f'konformità mar-regolament 8 jistgħu jiġu imposti f'każijiet fejn ikun hemm dubju serju u konkret dwar is-suffiċjenza tal-għarfien tal-lingwa tal-kirurgu veterinarju fir-rigward ta' attivitajiet veterinarji professjonali.

Dment li tali Kontrolli jistgħu jitwettqu biss wara r-rikonoxximent ta' kwalifika professjonali.

(2) Kwalunkwe kontroll tal-lingwa għandu jkun proporzjonat għall-attività li se titwettaq, u għandu jkun soġġett għal appell.

**10.** In-nuqqas ta' rispons fil-perjodu ta' żmien stabbilit skont ir-regolamenti 5 u 6 ma għandux jitqies li jimplika l-approvazzjoni taċita tal-applikazzjoni tal-applikant.

**11.** Regolamenti 4 sa 10 t'hawn fuq għandhom japplikaw biss għal-kirurgi veterinarji li qed jistabilixxu ruħhom għal-ewwel darba f'Malta.

**Il-forniment ta' servizzi veterinarji f'Malta fuq bażi temporanja u okkażjonali.**
KAP. 451
S.L. 451.03
S.L. 437.43

**12.** F'termini tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki, r-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki Professjonali, u r-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku

tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji, il-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji ta' Malta jista' jirċievi dikjarazzjoni legalment valida minn Kirurgi Veterinarji li jridu jipprovdu servizzi veterinarji f'Malta, fuq bażi temporanja u okkażjonali, dment li dawn ikunu stabbiliti legalment fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tat-twettiq tal-professjoni ta' kirurgu veterinarju f'dak l-Istat Membru. Din id-dikjarazzjoni ma tikkostitwixxix jew tipprevedi kwalunkwe kontrolli minn qabel tal-kwalifiki.

**13.** (1) Il-persuni msemmija fir-regolament 12 għandhom jinformaw lill-Kunsill minn qabel bl-intenzjoni tagħhom li jipprovdu servizzi veterinarji f'Malta permezz ta' dikjarazzjoni legalment valida. Il-Kunsill għandu jipprovdi formola bħala mudell. Għall-ewwel provvista ta' servizzi jew jekk ikun hemm bidla materjali fis-sitwazzjoni, id-dikjarazzjoni għandha tkun akkumpanjata mad-dokumenti li ġejjin:

(a) prova tan-nazzjonalità

(b) attestazzjoni li tiċċertifika li l-persuni huma stabbiliti legalment fi Stat Membru ieħor għall-fini tal-eżerċitar tal-professjoni ta' veterinarju f'dak l-Istat Membru;

(ċ) evidenza tal-kwalifiki professjonali tagħhom;

(d) dettalji tal-kopertura attwali tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà professjonali tagħhom jew ta' kwalunkwe mezz ieħor ta' protezzjoni kollettiva fir-rigward tar-responsabbiltà professjonali kif jista' jkun applikabbli, li juru li din tkopri r-responsabbiltà professjonali fit-territorju ta' Malta wkoll.

Iżda l-intenzjoni li jiġu pprovduti servizzi veterinarji f'Malta permezz ta' dikjarazzjoni legalment valida u l-kopertura ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà professjonali msemmija fil-paragrafu (d) għandha tiġi mġedda mal-Kunsill kull sena.

(2) Il-Kirurgi Veterinarji li jipprovdu dikjarazzjoni legalment valida u veritiera jitqiesu li awtomatikament ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw u jirreġistraw fir-Reġistru għall-finijiet tal-Att biex jipprovdu servizzi veterinarji f'Malta fuq bażi okkażjonali u temporanja. Din id-

dikjarazzjoni ma tikkostitwixxix jew tipprevedi kwalunkwe verifika minn qabel tal-kwalifiki.

**Liċenzja ta' Stabbiliment.**

**14**. Kwalunkwe Kirurgi Veterinarji li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom f'Malta biex jipprovdu servizzi veterinarji għandhom jingħataw Liċenzja ffirmata mill-President ta' Malta bil-kundizzjoni li tali Kirurgu Veterinarju:

(a) ikollhom domiċilju f'Malta, jew domiċilju fi Stat Membru ieħor iżda ma jkollhomx Liċenzja biex jeżerċitaw il-Mediċina Veterinarja fi kwalunkwe Stat Membru ieħor;

(b) jistgħu jagħtu prova lill-Kunsill li kapaċi jikkomunikaw fuq livell indipendenti f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' Malta.

**15.** L-isem ta' persuna b'liċenzja għandu jinżamm fir-Reġistru.

**Reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Kirurgi Veterinarji.**

**16.** L-isem ta' kwalunkwe persuna awtorizzata jew b'Liċenzja biex tipprovdi Servizz Veterinarju f'Malta għandu jinżamm fir-Reġistru tal-Kirurgi Veterinarji bil-kundizzjoni li:
(a) titħallas it-tariffa stabbilita fl-iSkeda I:
Iżda l-Ministru jista' jaġġorna u jimmodifika l-iSkeda I billi jippubblika lista aġġornata fil-Gazzetta tal-Gvern kif u meta jkun meħtieġ;

(b) jiġu pprovduti dettalji ta' kwalunkwe kopertura tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà professjonali jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva fir-rigward tar-responsabbiltà professjonali li tkopri perjodu ta' mhux inqas minn sena kalendarja, li tibda mill-ewwel ta' Jannar ta' kull sena;

**17.** Persuni awtorizzati jew b'Liċenzja biex jipprovdu Servizz Veterinarju f'Malta għandhom:

(a) jieħdu l-ġurament quddiem Kummissarju tal-ġuramenti identifikat mill-Kunsill qabel l-ewwel forniment ta' servizz;

(b) jirrispettaw il-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali għall-Kirurgi Veterinarji

kif ippubblikat mill-Kunsill;

(ċ) jobbligaw lilhom infushom li jżommu lill-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji ta' Malta aġġornat bi kwalunkwe bidla fid-dettalji personali tagħhom miżmuma mill-Kunsill fi żmien 7 ijiem kalendarji minn meta tali bidliet iseħħu jew ikunu magħrufa li se jseħħu;

(d) jippreżentaw prova li segwew PDP kif ippubblikat mill-Kunsill f'każijiet ta' gradwati ġodda u Kirurgi Veterinarji b'inqas minn sena ta' esperjenza klinika.

(e) jipprovdu lill-Kunsill bi prova li huma segwew ir-rekwiżiti tas-CPD ippubblikati mill-Kunsill.

**18.** Kwalunkwe persuni mhux awtorizzati jew li m'għandhomx liċenzja (warrant) biex jipprovdu Servizz Veterinarju f'Malta, jew li jwettqu servizz veterinarju mingħajr ma jkunu irreġistrata skont ir-regolament 15, ikunu ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti u, fuq kundanna, jkunu soġġetti għal multa li ma taqbiżx ħames t'elef Ewro (5,000).
Filwaqt li minflok proċeduri kriminali, il-Kunsill jista' jimponi fuq min jikser ir-regolamenti piena amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.

B'aktar provvediment, jekk isir it-tieni reat jew reati oħra sussegwenti, il-multa imposta fuq kundanna ma tkunx inqas minn tmien t'elef ewro (8,000) u ma taqbiżx l-ħdax-il-elf, sitt mija u sitta w'erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87). Fil-każ li tiġi imposta piena amministrattiva minflok proċeduri kriminali, il-piena imposta ma tkunx inqas minn tmien t'elef ewro (8,000) u ma taqbiżx il-ħdax -il elf u sitta u sitta u sebgħa u disgħin ċenteżmi (11,646.87).

**Titolu Protett.**

**19.** L-użu tat-titoli "Kirurgu Veterinarju", "Vet", "Veterinarju", "Veterinarju Uffiċjali", "Uffiċjal Veterinarju", "Uffiċjal Veterinarju Superjuri", "Uffiċjal Veterinarju Prinċipali", "Uffiċjal Veterinarju Prinċipali Superjuri", "Uffiċjal Kap Veterinarju", "Prattikant Veterinarju", "Tabib tal-Annimali", "Kirurgu tal-Annimali" u kwalunkwe użu ieħor ta' dawn il-kliem jew kombinazzjonijiet biex tiġi deskritta persuna professjonali b'ħiliet, b'għarfien u bi kwalifiki biex tipprattika l-professjoni veterinarja għandu jkun limitat biss għal persuni awtorizzati jew b'Liċenzja biex jipprovdu Servizz Veterinarju f'Malta u huma rreġistrati b'mod attiv fir-Reġistru tal-Kirurgi Veterinarji.

**20.** Mingħajr preġudizzju għad-disposijzonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti li jistabilixxu penali għal ċertu ksur, meta persuni jużaw it-titoli msemmija fir-regolament 19 biex jipprovdu servizz veterinarju f'Malta, bi ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti, il-Kunsill jista' joħroġ penali amministrattiva ta' tliet mitt Ewro (EUR 300) skont id-disposizzjonijiet ta' l-Att u multa ta' tletin Ewro (€30) għal kull jum li matulu dak il-ksur jippersisti sal-massimu tal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta taħt l-Att.

Iżda fil-każ ta' ksur ripetut jew sussegwenti, il-Kunsill jista' jimponi penali amministrattiva ta' ħames mitt Ewro (€500) skont l-Att għal kull darba li jseħħ il-ksur u, barra minn hekk, il-Kunsill jista' jimponi penali ta' kuljum ta' ħamsin Ewro (€50) għal kull jum li matulu dak il-ksur jippersisti sal-ammont massimu ta' penali amministrattiva imposta mill-Att.

**Attivitajiet Riżervati.**

**21.** Attivitajiet riżervati biss għall-persuni li għandhom titoli skont ir-regolament 19 għandhom jiġu elenkati fl-iSkeda II. Il-Kunsill jista' jattribwixxi xi wħud minn dawn l-attivitajiet jew parti minnhom lil persuni oħra awtorizzati mill-istess Kunsill jew lil persuni elenkati f'reġistri oħra miżmuma mill-istess Kunsill li jappartjenu għal professjonijiet u snajja supplimentari għall-Professjoni Veterinarja. Il-Kunsill għandu jkollu d-dritt li jaġġorna u jimmodifika l-iSkeda II billi jippubblika lista aġġornata fil-Gazzetta tal-Gvern kif u meta jkun meħtieġ.

**22.** Persuni li jwettqu attivitajiet jew li joffru servizzi misjuba fl-iSkeda II li mhumiex konformi mar-regolament 17 għandhom jitqiesu li wettqu reat u għandhom ikunu responsabbli għall-penali stabbiliti fir-regolament 20.

**Revoka ta' Liċenzji jew Awtorizzazzjonijiet preċedenti.**

**23**. Detenuri ta' tali liċenzji (*warrants*) jew awtorizzazzjonijiet li nħarġu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollhom il-liċenzji (*warrants*) u awtorizzazzjonijiet tagħhom ssostitwiti mill-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji ta' Malta b'oħrajn b'format ġdid, fejn dawn ikunu jistgħu ikomplu bil-prattika tagħhom mingħajr interruzzjoni. Il-Kirurgi Veterinarji li

kellhom liċenzja temporanja biex jipprovdu servizzi veterinarji f'Malta, fuq bażi temporanja u okkażjonali, għandhom jitqiesu li ppreżentaw id-dikjarazzjoni annwali lill-Kunsill skont ir-regolament 12, dment li jkunu stabbiliti legalment fi Stat Membru ieħor għall-fini li tiġi segwita l-professjoni ta' kirurgu veterinarju f'dak l-Istat Membru, u għandhom ikomplu jipprovdu servizz f'Malta abbażi tal-istabbiliment f'dak l-Istat Membru.

## Skeda I

### Struttura tal-Miżati – Jitħallsu skont id-data ppubblikata fil-Gazzetta

| | |
|---|---|
| Ħlas tal-Liċenzja (*Warrant*) u l-ewwel reġistrazzjoni | €100 |
| Ħlas tal-applikazzjoni għal kull tip ta' tiġdid | €50 |

*Il-Ħlasijiet huma pagabbli lill-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji u għandhom isiru sa mhux iktar tard mill 31 ta' Marzu ta' kull sena.*

*Penali amministrattiva ta' 15% aktar mit-tariffa stabbilita għandha tapplika għal ħlasijiet li jsiru tard magħmula minn kwalunkwe persuna wara li jkun skada l-perjodu ta' ħlas stabbilit f'din l-iskeda.*

Skeda II

*Kunsiderazzjonijiet ġenerali:*

L-ittestjar kollu, id-dijanjożi u t-trattamenti ta' mard speċifiku u ġenerali,

L-ittestjar kollu, id-dijanjożi u t-trattamenti ta' mard parassitiku,

L-ittestjar kollu, id-dijanjożi u t-trattamenti ta' mard mill-batteri u

virali, L-ittestjar kollu, id-dijanjożi u t-trattamenti ta' taqlib metaboliċi,

Il-Proċeduri Asettiċi u Sterili kollha,

Kwalunkwe Eżami Fiżiku u Kliniku tal-annimali,

Injezzjonijiet taħt il-ġilda u Parenterali (sakemm ma jkunux preskritti lil partijiet terzi minn Kirurgu Veterinarju),

Stabbilizzazzjoni tal-Pazjent,

Terapija bl-Ossiġenu,

Terapija bil-Fluwidu,

Tmigħ Parenterali,

Tmigħ Enterali,

Infid tal-Axxessi

Agupuntura,

Intubazzjoni tal-pajpijiet tan-nifs, l-apparat gastrointestinali, l-apparati awrinarji ġenitali,

Uġieħ ta' żaqq,

Ħruq Linejari jew b'Ponta bis-Sħana u bil-Kesħa,

Krijokirurġija,

Kawterizazzjoni,

Terapija shockwave,

Dijanjożi bl-ultrasound,

Terapija bl-ultrasound,

Terapija bil-laser,

Premedikazzjonijiet,

Mediċini ta' Induzzjoni anestetika,

Anesteżija Reġjonali,

Bijopsiji ta' kwalunkwe parti tal-ġisem,

Tekniki li jinvolvu Ċelloli Staminali u Mediċina Riġenerattiva,

Tekniki li jinvolvu Plażma b'ħafna Platelets u Mediċina Riġenerattiva,

Trattament tal-Feriti,

Kirurġija Plastika u Rikostruttiva,

Trapjanti tal-Ġilda,

*Trattament ta' Disturbi tal-Ġilda Speċifiċi inklużi:*

Ħruq u Ġrieħi Termali oħra,

Ġrieħi kkwawżati mill-Elettriku,

Hruq bil-kesħa,

Ġrieħi Kimiċi,

*Trattament tal-kundizzjonijiet tal-ġilda inklużi:*

Reazzjonijiet tal-Ġilda għar-Radjazzjoni u għat-Terapija bir-Radjazzjoni,

Feriti u Axxessi minn Gdim tal-Annimali,

Gdim ta' sriep,

Ġrieħi tal-Pressjoni, Igroma tal-Minkeb,

Granuloma tal-lagħaq,

Dermoid Sinus (Pilonidial Sinus),

Pijoderma Interdiġitali,

Tini tal-Ġilda Żejda,

*Trattament tal-partijiet distali inkluż:*

Qtugħ ta' dnub,

*Onychectomy* (tneħħija tad-dwiefer),

Kirurġija tad-dwiefer,

Negħil korrettiv,

Kwalunkwe kirurġija oħra tas-swaba' u l-qiegħ tas-saqajn

*Trattament tal-kundizzjonijiet tal-Għajnejn inklużi:*

*Entropion*,

*Ectropion*,

Trattament u kirurġija tal-Isporġenzi tal-Glandola tat-tielet għatu tal-Għajn

Trattament u kirurġija ta' ernja ta' l-għajn Trawmatika,

Trattament tat-tumuri tal-kappell ta' l-għajn,

Kwalunkwe forma ta' intervent kirurġiku u trattament tal-għajn u tat-tessuti fiż-żona orbitali u żigomatika

*Trattament tal-kundizzjonijiet tal-Widna inklużi:*

Otite Esterna,

Otite tal-widna tan-nofs u interna,

Ematomi tal-widna

Leżjonijiet Trawmatiċi tal-Widna u tal-Qarquċa tal-Widna,

Tumuri tal-widna u tal-Kanal Estern tal-Widna,

Polipi Inflammatorji,

Qtugħ tal-widnejn

Kwalunkwe kirurġija oħra u trattament tal-partijiet kollha tal-widna u taż-żoni ta' madwara,

*Trattament tal-kundizzjonijiet taż-Żaqq inklużi:*

Ftuq Umbelikali (taż-żokkra), Addominali, Ingwinali, Skrotali u Femorali,

Peritonite,

Hemoperitoneum,

*Trattamenti tal-Kavità Orali u tal-Orofarinġi li jinkludu:*

Fistula oronażali kongenita (Cleft Palate), u/jew Devjazzjonijiet tal-Palat,

Fistuli Oronażali Akkwiżiti,

Tumuri orali,

Mukoċeli tal-bżieq,

Trawma Penetranti tal-Ħalq,

Devokalizzazzjoni (qtugħ tal-kordi vokali),

Qlugħ tas-snien, Rikostruzzjoni bil-mili, livellar, u twaħħil ta' kapep

Ġinġivite tal-ħniek,

Ulċeri orali,

*Trattament tal-kundizzjonijiet tal-boqxiex (Esofagu) inklużi:*

Oġġetti Barranin fl-Esofagu,

Kontrazzjonijiet fl-Esofagu,

Diverticoli fl-Esofagu,

Tumuri fl-Esofagu,

Ftuq Hiatal (tad-diaframma),

Invaġinazjoni tal-istonku fil-boqxiex (Intusuxxessjoni Gastroesofagali),

Cricopharyngeal Achalasia,

Trattament ta' Anomaliji fiċ-ċirkolazjoni tad-demm,

*Trattament ta' kundizzjonijiet tal-Istonku inklużi:*

Oġġetti Barranin fl-istonku,

Dilatazzjoni Gastrika (ta' l-istonku) u brim ta' l-istonku (Volvulus),

Ostruzzjoni tal-ħruġ Gastriku,

Ulċera u Erożjoni Gastrika,

Tumuri ta' l-istonku u Mard Infiltrattiv,

Dislokazzjoni abomasali,

Trattament ta' nefħa,

*Trattament ta' kundizzjonijiet tal-Musrana ż-żgħira inkluż:*

Oġġetti Barranin Intestinali,

Tumuri Intestinali,

Invaġinament ta' partijiet tal- musrana (Intussuxessjoni),

*Pythiosis*,

Taħbil u torsjoni intestinali (Volvulus) u Ftuq ta' Winslow.

*Trattament ta' kundizzjonijiet tal-Musrana l-Kbira inkluż:*

Tumuri,

Uġiegħ ta' żaqq,

Megakolon,

*Trattament ta' kundizzjonijiet tal-Perineum, tar-Rektum u tal-Anus inkluż:*

Tumuri anali,

Infezzjoni u Impattazzjoni tal-glandoli Anali,

Ftuq Perineali,

Fistoli perineali,

Prolassi Rettali,

Inkontinenza Fekali,

*Trattament ta' kundizzjonijiet tal-fwied inkluż:*

Anomaliji tal-vini u arterji tas-sistema portali tal-fwied,

Leżjonijiet b'formazzjoni ta' vojt fil-fwied,

Tumuri tal-Fwied,

Torsjoni ta' partijiet tal-Fwied,

Degenerazzjonijiet u ħsara metabolika

Epatosi

*Trattament tas-Sistema tal-marrara inkluż:*

Ġebla tal-marrara,

Mukoċeli tal-marrara,

Peritonite biljari,

*Trattament ta' kundizzjonijiet tas-Sistema Endokrinali inklużi:*

Tumuri Adrenali,

Tumuri Pitwitarji,

Axxessi Pankreatiċi u Psewdoċisti,

Insulinomi,

Gastrinomi,

Tumur Pankreatiku Essokrinu,

Ipertirojdiżmu,

Iperparatirojdiżmu,

Karċinomi tat-Tirojdi,

*Trattament ta' Kundizzjonijiet tas-Sistema Emolimfatika*

*Kirurġija tas-Sistema Limfatika inkluż:*

Limfedema,

*Kirurġija tal-Milsa inkluż:*

Torsjoni tal-Milsa,

Tumuri tal-Milsa,

Tneħħija tal-Milsa,

*Trattament tal-Kliewi u l-Ureteru inkluż: Ureteru Ektopiku:*

Ġebla tal-Kliewi u Ureterali,

Tumuri tal-Kliewi u Ureterali,

Axxessi tal-kliewi u Perineali,

Tneħħija tal-Kliewi,

*Trattament tal-Bużżieqa tal-Awrina u tal-Uretra inkluż:*

Uroabdomen,

Ġebla fil-Bużżieqa tal-Awrina u fl-Uretra,

Prolassi fl-Uretra,

Tumuri tal-Bużżieqa tal-Awrina u tal-Uretra,

Inkontinenza tal-Awrina,

Marda tal-parti kawdali tal-Apparat tal-Awrina fil-Qtates

Uretrostomija,

Qtugħ tal-Proċess Uretrali,

*Trattament tas-Sistemi Riproduttivi u Ġenitali inklużi:*

Tumuri Mammarji,

Tumuri tal-Utru u l-għenqud tal-bajd,

Pjometrija,

Prolassi/Iperplażja/Tumur Vaġinali,

Prolassi tal-utru,

Ftuq vaġinali u tal-utru,

Iperplażja tal-Prostata,

Axxessi tal-Prostata,

Ċisti tal-Prostata,

Tumuri tal-Prostata,

Tumuri Testikulari u Skrotali, malformazjoni tal-ftuħ uretrali (hypospadias),

Fimożi,

Parafimożi,

Trawma u Tumuri tal-Pene u tal-Prepuzju,

Ġbir tal-Isperma u tal-ova u l-embrijuni,

Trasferiment tal-embrijuni,

Manipulazzjonijiet, dijanjożi, kirurġija u trattamenti ġinekoloġiċi u ostetriċi kollha,

*Trattamenti tas-Sistema Kardjovaskulari inklużi:*

Rigurġitazzjoni Mitrali,

Patent Ductus Arteriosus, Stenożi tal-Pulmun,

Stenożi Aortika,

Difett fis-Septum Ventrikulari,

Difett fis-Septum Atrijali,

Tetraloġija ta' Fallot,

Effużjoni Pericardika u Restrizzjoni Perikardjali,

Tumuri tal-Qalb,

Bradikardija,

*Trattament tas-Sistema Respiratorja kranjali inkluż:*

Applikazzjoni ta’ msielet tal-imnieħer,

Sindromu Brakiċefaliku,

Kollass fil-Larinġi,

Paraliżi fil-Larinġi,

Kollass fit-Trakea,

Tumuri fil-Larinġi u fit-Trakea,

Tumuri fl-Imnieħer,

Asperġillosi tal-Imnieħer,

Trattament tas-Sistema Respiratorja kawdali,

Trawma fil-Ħajt Toraċiku,

Tumuri tal-pulmun,

Axxessi ,tal-pulmun,

Torsjoni ta’ partijiet tal-Pulmun,

Pectus Excavatum,

Tumuri tal-Ħajt Toraċiku

Ftuq fid-Dijaframma Trawmatiku,

Ftuq fid-Dijaframma Peritoneoperikardjali,

Pnewmotoraċi,

Effuzjoni Plewrali,

Chylothorax,

Pyothorax,

Thymomas (Adenomi tal-gjandola tat-Timu),

Ċisti Brankjali tat-Timu, u Ċisti Medjastinali,

*Kirurġija Ortopedika u Mmaniġġjar tal-Ksur tal-għadam inkluż:*

Immaniġġjar tal-ksur,

Riduzjoni tal-Ksur,

Trapjanti ta' Għadam

Sistemi ta' Fissazzjoni tal-Ksur,

Adattament Estern,

Sistemi ta' irbit Esterni,

Sistemi ta' irbit Intramedullari,

Twaħħil ta' plakek u viti,

Fejqan mill-Ksur,

Immaniġġjar ta' Ksur Speċifiku,

Ksur tax-Xedaq u tal-Mandibula, Ksur Skapulari,

Stabbilizzazzjoni ta' Ksur Speċifiku

Ksur Skapulari tal-Ġisem u tas-Sinsla,

Ksur Dijafasali tad-Drigħ u Ksur supracondylar,

Ksur Artikolari, Fiseali u Metafiseali, Ksur Radjali u Ulnari Dijafasali,

Ksur Radjali u Ulnari Metafiseali u Ksur Artikulari, Radjali u Ulnari Fiseali,

Deformitajiet tat-Tkabbir Radjali u Ulnari,

Ksur Karpali u Tarsali,

Ksur Metakarpali, Metatarsali, Falangjali, u Ksur u Tfekkik Sesamojdi,

Ksur Pelviku,

Ksur iljaku, Iskjali u Pubiku,

Ksur Aċetabulari,

Ksur tad-Dijafażi u Suprakondilari Femorali,

Ksur Metafiżjali u Artikulari Femorali,

Ksur Fiżjali Femorali,

Ksur tal-Patella,

Ksur Dijafażali Tibjali u Fibulari,

Ksur Metafiżjali Tibjali u Fibulari, Ksur Fiżjali Tibjali u Fibulari,

*Trattament ta' Mard tal-Ġogi inklużi:*

Marda Diġenerattiva tal-Ġogi,

Artrite Settika (Batterjali),

Poliartrite Rickettsiali u Anaplasmali,

Artropatija ta' Lyme,

Poliartrite Idjopatika Mhux Erożiva Medjata mill-Immunità,

Poliartrite Kronika Kkawżata minn Infjammazzjoni,

Sinovite Plasmaċitika-Limfoċitika,

Poliartrite Indotta minn Lupus Erythematosus Sistemiku,

Artrite Rewmatika,

Poliartrite Progressiva Kronika fil-qtates,

Żlugar tal-Ġogi Temporomandibolari,

Sindromu tax-Xedaq Imblukkat,

Displażija tal-Ġogi Temporomandibolari,

Żlugar Skapulari,

Osteochondritis Dissecans tal-Proximal Humerus,

Żlugar tal-Ġogi Scapulohumerali,

Instabbiltà fl-Ispalla,

Marda tal-Għeruq tal-Biceps,

Proċess Koronojdiku Frammentat,

Inkongruwenza Radjali-Ulnari,

Marda tal-Kompartiment Mediku,

Osteochondritis Dissecans,

Proċess Ankonjali Mhux Magħqud,

Ossifikazzjoni Mhux kompluta tal-Kondil tad-Driegħ,

Tfekkik tal-Minkeb Trawmatiku,

Tfekkik jew Żlugar tal-Minkeb Ikkawżat mill-Għeluq Distali Ulnari jew tal-Physes Radjali,

Tfekkik tal-Minkeb Konġenitali,

Tfekkik jew Żlugar Karpali,

Żlugar Karpali li Jirriżulta minn Korriment Kollaterali tal-Ligamenti,

Sindromu tal-Laxkezza Karpali,

Displażja tal-Ġenbejn (hip dysplasia),

Tfekkik Coxofemoral,

Marda Legg-Perthes,

Tiċrit tal-Ligament Kruċjat Kranjali,

Ħsara tal-Ligament Kruċjat Kawdali,

Ħsara tal-Ligament Kollaterali,

Ħsara Multipla fil-Ligament,

Ħsara Meniskali,

Tfekkik tal-Patella Medjali,

Tfekkil tal-Patella Laterali,

Osteokondrite Dixxendenti tal-Grassella,

Ħsara fil-Ligament tat-Tarsus,

Osteokondrite Dixxendenti tat-Tarsus,

Trattamenti intra artikulari u tqegħid ta' apparati mediċi

*Trattament ta' Mard ieħor tal-Għadam u tal-Ġogi inklużi:*

Osteopatija Ipertrofika,

Panosteite,

Osteopatija Kranjomandibulari,

Osteodistrofija Ipertrofika,

Tumuri tal-Għadam,

Tumuri tal-Ġogi, Osteomijelite,

*Immaniġġjar ta' Ħsara jew Mard fil-Muskoli u t-Tendini inkluż:*

Kontużjoni u Tensjoni tal-Muskoli,

Laċerazzjoni tal-Unità tal-Muskolu-Tendini,

Ksur tal-Unità tal-Muskolu-Tendini,

Tendinopatija tas-Supraspinatus,

Kontrattura Fibrotika tal-Muskolu Infraspinatus,

Kontrattura tal-*Quadriceps*,

Mijopatika Fibrotika,

Spostament tat-Tendini tal-Flexor Diġitali Superfiċjali,

*Trattament tal-moħħ u t-tessut nervuż inkluż:*

Radjodijanjostika,

Elettrodijanjostika,

Analiżi tal-Istatus Mentali tal-Fluwidu Ċerebrospinali,

Eżami tan-Nervituri Kranjali,

Evalwazzjoni tal-Attitudni/Qagħda,

Evalwazzjoni tal-moviment,

Reazzjonijiet u riflessi tal-qagħda,

Riflessi fis-Sinsla,

Sensazzjoni ta' Uġigħ (Nociception),

Idroċefalu konġenitali,

Ċesta Arachnoid fil-Moħħ,

Malformazzjoni ta’ Chiari,

Tumuri tal-moħħ,

Korriment Trawmatiku fil-moħħ,

Mard tad-Diski tal-irkiekel Ċervikali,

Spondilomijelopatija Ċervikali Kawdali (Sindromu ta’ Wobbler),

Anomaliji fil-Konnessjoni Kranjoċervikali (CJAs),

Divertikulu tal-Aranjojde tas-Sinsla,

Tumuri tas-Sinsla,

Trawma tas-Sinsla,

Marda tad-Diski tal-irkiekel Torakolumbarju,

Hermivertebra,

Tumuri tas-Sinsla,

Trawma tas-sinsla,

Stenożi Lumbosakrali Diġenerattiva,

Tumuri tal-coda equina,

Trawma tal-coda equina,

Sindromu ta’ Disfunzjoni Konjittiva,

Mjelopatija Diġenerattiva,

Mard Iskemiku/Vaskulari,

Marda inflammatorja mhux Infettiva,

Meninġite/Arterite li tirrispondi għall-Kortikosterojdi,

Diskospondilite,

Myasthenia Gravis Akkwistata,

Polimjosite Awtoimmuni,

Poliradikulonewrite Idjopatika Akuta,

Paraliżi tal-Qurdien.

Fil-każ ta’ problemi ta’ interpretazzjoni ta’ termini u tifsir ta’ l-attivitajiet elenkati f’din l-iskeda, il-verżjoni bil-lingwa Ingliża tieħu l-preċedenza.